# KAJJIN U ABEL ULIED ADAM



Adam semma lil martu Eva għax hi kienet omm il-ħajjin kollha. Hi wildet lil Kajjin u qalet: "Ksibt bniedem bil-għajnuna tal-Mulej." Imbagħad wildet lil ħuh Abel.

Abel kien ragħaj in-ngħaġ u Kajjin ħaddiem ir-raba'. Ġara wara xi żmien li Kajjin għamel offerta mill-frott ta' l-art lill-Mulej, waqt li Abel offra mill-bikri tal-merħla tiegħu u mill-grass tagħhom. Il-Mulej ħares lejn Abel u l-offerta tiegħu imma lejn Kajjin u lejn l-offerta tiegħu ma ħarisx. Kajjin għalhekk saħan sewwa u wiċċu tqarras.

U Alla qal lil Kajjin:

"Kajjin, għala sħant? Għala għaddast rasek?"

U Kajjin qal lil ħuh Abel: "Imxi mmorru fir-raba'." U kif kien fir-raba' Kajjin qam għal ħuh Abel, u qatlu.

U Alla qal lil Kajjin: "Fejn hu ħuk Abel?"

U hu wieġbu: "Ma nafx. Jaqaw jien għassies ta' ħija?"

Alla wieġbu: "X'għamilt! Leħen id-demm ta' ħuk qiegħed igħajjatli mill-art. U issa misħut int mill-art li fetħet fommha u laqgħet id-demm ta' ħuk minn idejk. Meta int taħdem l-art ma tagħtikx aktar ġid. Int tibqa' tiġġerra maħrub 'l hemm u 'l hawn fl-art."

Kajjin qal lill-Mulej: "Il-kastig tiegħi kbir wisq biex nerfgħu. Ara, int keċċejtni llum minn wiċċ l-art u jkolli ninħeba minn quddiem wiċċek. Nibqa' niġġerra maħrub 'l hemm u 'l hawn fuq l-art, u kull min isibni joqtolni."

Alla wieġbu: "Mhux hekk! Kull min joqtol lil Kajjin iħallas seba' darbiet."







U l-Mulej għamel sinjal fuq Kajjin biex kull min isibu ma joqtlux.

U Kajjin ħareġ minn quddiem il-Mulej u mar igħammar f'art Nod, fuq il-lvant tal-Għeden.

U wara xi żmien f'art Nod, Kajjin iżżewweġ u martu wildet iben li ssemma Ħenok. Kajjin beda jibni belt u semmieha għal ibnu Ħenok. Minn Ħenok tnisslu dawk li jgħixu fl-egħrejjex u jrabbu l-imrieħel u dawk li jdoqqu ċ-ċetra u l-flawt.

U Eva wildet tifel ieħor. Semmietu Set għax Alla kien tahulha flok Abel. Adam għex għomor twil ħafna u Eva wildet ħafna subien u bniet oħra.

Hekk il-bnedmin bdew joktru fuq wiċċ l-art u nisel kbir tnissel minn Adam u Eva. U fid-disa' nisel kien hemm wieħed jismu Noè. Noè kien bniedem ġust, l-aħjar fost in-nies ta' żmienu u kien jimxi sewwa ma' Alla. Lil Noè tweldulu Sem, Ħam u Ġafet.



# IL-ĦARBA U L-ĦOLMA TA' ĠAKOBB



Jum wieħed Ġakobb ħareġ minn Birsaba u telaq lejn Ħaran. U wasal f'post u waqaf biex jgħaddi l-lejl, għax ix-xemx kienet niżlet. Ħa waħda mill-ħaġar li kien hemm u għamilha mħadda għal rasu, u raqad f'dak il-post.

Ġakobb ħolom, u ra taraġ tiela' mill-art bil-quċċata tiegħu fis-sema; u beda jara l-anġli tilgħin u niżlin miegħu.

U lemaħ il-Mulej wieqaf ħdejh u dan qallu:

"Jien il-Mulej, Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk. L-art li int rieqed fuqha lilek nagħtiha u lil nislek. U jkun nislek bħat-trab ta' l-art, u int għad tinfirex lejn il-punent u lejn il-lvant, lejn it-tramuntana u lejn in-nofs in-nhar. Jitbierku bik u bin-nisel tiegħek il-familji kollha ta' l-art.

"Arani, jien miegħek u nħarsek kull fejn tmur, u nerġa' nġibek f'din l-art. Għax jien ma nitilqekx qabel ma ntemm kull ma għedtlek."

Imbagħad stenbaħ Ġakobb mir-raqda tiegħu u qal:

"Tassew hawn Alla f'dan il-post, u jien ma ntbaħtx." U beża' u qal:

"Dan mhux ħlief dar Alla u dak bieb is-smewwiet."

Ġakobb qam kmieni filgħodu, u ħa l-ħaġra li kien qiegħed taħt rasu, u





waqqafha bħala plier, u sawwab iż-żejt fur rasha. Hu semma dak il-post Bet-el.

U Ġakobb għamel wegħda u qal:

"Jekk Alla jkun miegħi, u jħarisni fit-triq li qbadt, u jipprovdili ħobż x'niekol u lbies x'nilbes, u nerġa' lura bis-sliema lejn dar missieri, Alla tiegħi jkun il-Mulej. Din il-ħaġra, li jien waqqaft bħala plier, tkun Dar Alla, u minn kull ma tagħtini, Mulej, nagħtik l-egħxur."

# IT-TORRI TA' BABEL

Alla għamel il-patt ma' Noè u wara, in-nisel tiegħu kiber ħafna, wieħed wara l-ieħor.

L-art kollha kienet ilsien wieħed u kliem wieħed. Meta l-bnedmin telqu mil-lvant sabu wita f'art Singħar u baqgħu hemm. U qalu wieħed lill-ieħor:

"Ejjew nagħmlu l-madum u naħmuh sewwa!" U l-madum kienu jużawh flok il-ġebel, u l-qatran flok it-tajn.

U reġgħu qalu: "Ejjew nibnu belt għalina, u torri, bil-quċċata tiegħu tilħaq is-smewwiet. Ejjew nagħmlu isem għalina, ħalli ma nixterdux mal-wiċċ kollu ta' l-art."

"Alla niżel jara l-belt u t-torri li kienu qegħdin jibnu l-bnedmin, u qal:

"In-nies ta' l-art huma poplu wieħed u hemm ilsien wieħed għalihom ilkoll. U dan għadu l-bidu ta' xogħolhom. Issa kull ma jiġihom f'rashom, xejn ma jaqtgħalhom qalbhom! Ħa ninżlu u nħabblulhom ilsienhom, ħalli ma jifhmux ilsien xulxin."

U Alla xerridhom minn hemm għal fuq wiċċ l-art kollha, u waqfu mill-bini tal-belt. Għalhekk bdew isejħulha Babel, għax hemm ħawwad il-Mulej ilsien l-art, u minn hemm xerridhom il-Mulej mal-wiċċ kollu ta' l-art.



